# Il-Festa u l-Poeżija

## Ħarsa lejn il-ġrajja tal-versi mitbugħa għall-okkażjoni

minn Dr Oliver Friggieri, BA, MA, Ph.D.

Id-drawwa ta' l-istampar ta' versi fuq karti "li jtiru" (volanti) hi qadima ġmielha u titlob studju għalih. Waħda mill-okkażjonijiet ewlenin għat-tixrid ta' dawn il-karti volanti kienet, u aktarx għadha, il-festa parrokkjali. Poeti mirquma u versifikaturi devoti jiktbu damma ta' versi f'ġieh il-qaddis u b'riferenza partikulari għat-tradizzjoni parrokkjali. Il-karti mitbugħa jinxeħtu minn bosta bnadi, mill-gallerijiet, mit-twieqi, minn fuq il-bjut, u l-aktar minn fuq il-bini tal-knisja hi u ħierġa l-purċissjoni bl-istatwa tal-qaddis,

Chev. E.S. Tonna għoġbu jurini għadd ta' kopji ta' dawn il-karti, u fosthom insemmi l-versi ta' Antonio Agius li jmorru lura mill-inqas sa l-1924. **"Lit-Tfal ta' l-Oratorju Istruttiv San Publju — Nhar il-Festa tal-Protettur Tagħhom"** huma versi ffirmati minn **"Kooperatur"** iżda huma ta' Komm. Ant. Agius, li ħadem ħafna tul ħajtu kollha biex xerred il-qima lejn il-qaddis u biex qanqal kuxjenza storika fost il-Furjaniżi. L-Oratorju Istruttiv, imsemmi għal San Publju, twaqqaf minn Dun Pawl Portelli, u minnu mbagħad ħarġet l-Azzjoni Kattolika tal-Furjana. Karta volanti oħra bil-versi ta' Antonio Agius huma **"San Publju Martri f'Jum il-Festa Tiegħu"**, u jġibu d-data ta' l-1 ta' Mejju 1938.

**"Lill-Ewwel Isqof ta' Malta San Publju Martri"**, mitbugħa fuq il-ħarir, iġġib id-data tal-10 ta' April 1910 u hi miktuba minn Francesco Gauci. **"Tifħir u Talb lill-Prinċep Pajżan Tagħna u l-Ewwel Isqof ta' Malta San Publju Martri fil-Jum tal-Festa Tiegħu 15 ta' April 1923"** huma strofi ta' Giuseppe Spiteri. Ludovik Mifsud Tommasi (1795c-1879) hu l-awtur tal-kurunella lill-qaddis li għadha tingħad fil-jiem tal-festa; bħal bosta kurunelli oħra ta' l-awtur, din it-tqabbila devota kellha xorti kbir matul iż-żmien.

John C. Friggieri, qarib tiegħi, kiteb għal snin twal, minn festa għal oħra, damma ta' poeżiji mirquma dedikati lil San Publju. L-ewwel waħda tmur lura sal-5 ta' Mejju 1946, u d-damma kollha hi konsistenti sa l-1963, għad li wara din is-sena John C. Friggieri baqa' jikteb versi oħrajn ukoll. B'dawn il-poeżiji Friggieri kellu l-għan li bħallikieku joffri lill-pubbliku damma simili għal dik li kiteb Dun Karm f'ġieh San Pawl bejn l-1915 u l-1945.

Din m'hix għajr ħarsa ħafifa ħafna lejn din it-tradizzjoni li daqskemm tibqa' sikwit fil-livell popolari, sikwit ukoll titla' għal-livell tassew letterarju. Kien John C. Friggieri nnifsu li għamilli l-qalb meta kont għadni tifel biex nikteb versi ta' din ix-xeħta u nippubblikahom fl-okkażjoni tal-Festa. Kienu versi umli ta' tifel li qiegħed jibda jterraq fil-mogħdija iebsa tal-poeżija, iżda li sab fl-ambjent immedjat l-ewwel xrar ta' ispirazzjoni. Missieri kien jeħodni miegħu fil-Vox Press, 142, Villambrosa, il-Ħamrun, fejn niftakarni nara u nammira xwejjaħ flimkien ma' ibnu jaħdmu fuq il-magni qodma ta' l-istampar, jagħżlu l-kliem ittra ittra u jqegħduh flimkien. Missieri kien jagħti l-versi tiegħi lill-istampatur u żmien wara konna mmorru biex nieħdu lura l-eluf tal-karti volanti mitbugħa bl-isforzi "poetiċi" tiegħi. L-inkuraġġiment ta' missieri swieli mhux ftit biex issoktajt, sa minn kmieni, fil-kitba tal-poeżija, li naturalment il-lum inħares lejha mod ieħor, iżda li ma stajtx niskopriha aħjar matul is-snin kieku ma kienx għal dan il-bidu marbut mal-festa tal-Furjana fejn twelidt u trabbejt. Missieri, imbagħad, kien isib lil xi nies biex jixħtuhom mill-galleriji, minn fuq il-bjut jew minn fuq il-knisja matul il-purċissjoni. Chev. E.S. Tonna kien ġentili mhux ftit miegħi biex xi drabi l-versi bikrija tiegħi dehru f'"Il-Furjana".

*Waħda mill-okkażjonijiet ewlenin għat-tixrid ta' dawn il-karti volanti kienet, u aktarx għadha, il-festa parrokkjali.*

Qisu l-bieraħ li b'riħet Chev. Tonna u missier, Carmelo, tlaqqajt għall-ewwel darba ma' Ninu Cremona taħt il-loġoġ tal-Furjana, qrib il-Klabb tal-FSOBA. Hemm Cremona qara l-versi tiegħi, qaħqaħ tnejn kif kien jagħmel, u ħares lejja waqt li taptapli fuq spallti, imbagħad qalli, **"Kompli, qis li tkompli tikteb, kompli, kompli..."** Kienet okkażjoni li qawwietli qalbi mhux ftit biex il-ħeġġa li kien diġà kelli għall-poeżija ma nġennibhiex. Minn sena għal oħra bqajt nikteb dawn il-versi fl-okkażjoni tal-festa ta' San Publju, dejjem fid-dell ta' qaribi John C. Friggieri, li dejjem qawwieli qalbi biex nissokta nikteb. Maż-żmien missieri kien jeħodni għand l-istampatur Muscat tal-Belt, aktarx minħabba li hemm kienet tkun stampata "Il-Furjana", fejn xi drabi dehru dawn il-versi tiegħi. Uħud minn dawn il-karti volanti għadhom għandi, oħrajn għand missieri oħrajn mitbugħa fil-gazzetta Furjaniża. Huma lkoll sforzi żgħar, li madankollu kienu ta' fejda kbira bħala taħriġ bikri fit-teknika tal-

*(ikompli f'pagna 17)*

poeżija. Għadni sal-lum nemmen, minkejja t-tibdil u l-maturazzjoni li tiġi maż-żmien, li dak kien bidu tajjeb, għaliex kien jinkludi eżerċizzju fil-forma magħluqa ta' l-istrofa regolari. Kien mill-inqas eżami fid-dixxiplina tal-għażla tal-kelma, tat-tqegħid tal-kliem fil-qafas magħluq ta' kwartina marbuta b'metri ndaqs, marsusa bl-insistenza tar-rima, u l-bqija.

Illum li għadda ż-żmien inħares lejn din l-esperjenza kemm b'nostalġija għal tfuliti fil-Furjana, kemm bi gratitudni għal dawk li għenuni biex l-isforzi bikrija tiegħi jaraw id-dawl, u kemm b'ferħ li jgħaqqad flimkien, f'sorra waħda, is-sentiment tiegħi mas-sentiment tal-komunita' li twelidt u trabbejt fi ħdanha.

Għall-kotra tan-nies dawn il-poeżiji tal-festa huma magħrufin bħala **"sunetti"**. Is-sunett, fil-fatt, m'hux għajr poeżija magħmula minn erbatax-il vers, aktarx ta' ħdax-il sillaba kull wieħed. Fil-forma Taljana (jew Petrarkana) is-sunett hu maqsum fi grupp ta' tmien versi (ottava) u fi grupp ta' sitta (sestett). Fil-forma Ingliża (jew Shakespearjana) hu maqsum fi tliet kwartini (strofi ta' erba' versi) b'żewġ versi fl-aħħar. Għalhekk, waqt li l-poplu wessa' t-tifsira tal-kelma "sunett" biex identifikaha ma' dawn il-poeżiji mitbugħin fuq karti volanti, hi liema hi l-forma ta' dawn il-poeżiji, is-sunett proprju m'hux il-forma li normalment tingħażel mill-kittieba ta' dawn il-poeżiji ta' l-okkażjoni. Fis-sens letterarju, is-sunett hu forma partikulari; fis-sens popolari Malti, il-kelma tħaddan kull għamla ta' kompożizzjoni versifikata għal dawn l-okkażjonijiet.

*Fis-sens letterarju, is-sunett hu forma partikulari; fis-sens popolari Malti, il-kelma tħaddan kull għamla ta' kompożizzjoni versifikata għal dawn l-okkażjonijiet.*

F'dawn il-ftit riflessjonijiet ħfief ma ridtx ħlief nagħti ħarsa qasira lejn il-fatt li din it-tradizzjoni hi minsuġa sfiq anki mal-ġrajja letterarja proprja u mirquma tal-pajjiż. Aktarx li ftit huma l-awturi lokali li ma kellhomx il-magħmudija tagħhom fi ħdan xi okkażjoni parrokkjali, u għalhekk ukoll ħarsa lejn din it-tradizzjoni għandha l-importanza tagħha wkoll biex jiftiehem kulma jsir maż-żmien fuq livell letterarju ogħla u usa'. Wara kollox, ir-rabta bejn it-twemmin, is-soċjeta' u l-letteratura hi qawwija ħafna biex wieħed jistħajjel mod ieħor kif jista' jifhem lill-kultura tal-pajjiż mingħajr ma jifhem lil din ir-rabta. Il-ġenesi hu marbut ħafna ma' l-ambjent; il-passi li jiġu wara jgħaddu weħidhom mit-tibdil li jitolbu bosta fatturi. M'hemmx dubju, madankollu li din it-tradizzjoni jixirqilha l-attenzjoni tagħha għaliex għallinqas ressqet lejn xulxin lil kotra popolari li aktarx ma titqarribx malajr mal-poeżija, u lill-poeżija stess fil-qagħda tagħha ta' kompromess mal-livell medju tal-komunita'.

Il-poeta għandu dejjem id-dmir li jkun fidil lejn il-qagħda tal-komunita' tiegħu jekk irid jirriflettiha. Is-sistema parrokkjali tal-pajjiż hi aspett ewlieni li l-poeta, hu x'inhu l-livell li jirnexxilu jilħaq, ma jistax jinsieh jew jinqata' minnu mingħajr ma jkun ċaħad komponent ewlieni tal-ħajja soċjali. Daqskemm hu l-poeta li jimponi l-viżjoni tiegħu, hi wkoll il-komunita' fuq il-poeta lilha nnifisha biex tkun kantata, iċċelebrata, imgħarbla u l-bqija.


**JUBILEE STORE**
(Paul Cacciatttolo)

Ironmongery
Electrical Fittings

62, St. Thomas Street, Floriana

**F. Zammit Tabona & Co. Ltd.**
47, St. Anne Street
Floriana Tel: 228123

Local Agents for:

**PATONS WOOL**
**COATS RETAIL and**
**INDUSTRIAL THREAD**

**TENDERCUT BUTCHER**
(Prop. Victor Galea)

35, St. Francis Street, Floriana Tel: 228734

**Mario's unisex SALON**
Cutting Perming Tinting
Low/High Lights Treatments
98, St.Thomas Str.
Floriana. Tel. 221538